MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1935/1997/1

**Elmo Insurance Services Limited, in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance p l c, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Joseph Borg Ltd., u l-istess Joseph Borg Ltd.;**
**U b' nota ta' l-24 ta' Jannar 2000, is-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance p l c cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance p l c kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` Joseph Borg Ltd., assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Elmo Insurance Services Limited.**

**Vs**

**Mario Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Settembru 1997 li bih is-socjeta` attrici *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-22 ta' Ottubru 1996 ghal xi s-7:00 a. m., waqt li Lawrence Gatt kien qed isuq il-vettura Mazda Nru. H - 8783, proprjeta` tas-socjeta` attrici Joseph Borg Ltd., gewwa Triq Tal-Barrani, din sfat involuta f' incident awtomobilistiku mat-trakk Nru. F - 0155 misjuq mill-konvenut (Dok. 1);

Premess illi l-vettura Nru. H - 8783 kienet assigurata mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Services Limited taht polza *comprehensive*, u s-socjeta` attrici Joseph Borg Ltd., bhala l-assigurat, ghamlet *claim* lill-imsemmija socjeta` attrici in konnessjoni ma' l-incident *de quo*;

Premess illi bhala konsegwenza tal-hsara li garrbet fl-incident, il-vettura Nru. H - 8783 giet dikjarata *beyond economical repair* (Dok. 2);

Premess illi d-danni ta' l-attur kienu jammontaw ghal total ta' elf mitejn u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm1213.45c) dovuti in kwantu ghal elf mija u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm1113.45) lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Services Limited *nomine* bhala risarciment ta' l-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assigurat taghha kif ukoll spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident ghal liema ammont din is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha taht il-polza *comprehensive*, u in kwantu ghal mitt lira (Lm100) lis-socjeta` attrici Joseph Borg Ltd., bhala danni subiti u mhux koperti mill-polizza (Dok. 2 u 3);

Premess illi ghal dan l-incident awtomobilistiku u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm kien interpellat ufficjalment biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b' konsegwenza ta' l-istess garrbu l-atturi;

2. Tillikwida d-danni ta' l-atturi fis-somma ta' elf mitejn u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm1213.45c) jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Services Limited *nomine* s-somma ta' elf mija u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm1113.45c) bhala risarciment ta' l-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assigurat taghha kif ukoll spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident, ghal liema ammont din is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha, u lis-socjeta` attrici Joseph Borg Ltd. is-somma ta' mitt lira (Lm100) bhala danni subiti u mhux koperti bil-polizza *comprehensive*, jew ammonti verjuri;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Jannar 1997, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assigurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, kif ukoll bl-imghax legali mill-20 ta' Jannar 1997, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-20 ta' Mejju 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi, in linea preliminari, l-irritwalita` tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi annessa mac-citazzjoni, bin-nullita` konsegwenzjali ta' l-istess citazzjoni;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici hija infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident *de quo* kien unikament responsabbli Lawrence Gatt - xufier tal-vettura tas-socjeta` attrici - in vista tan-negligenza, traskuragni, imprudenza, imperizja u nuqqas t' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

3. Illi, relattivament ghat-tieni talba attrici, isegwi li ma hemmx danni x' jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjent;

4. Illi, relattivament ghat-tielet talba attrici, isegwi li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjent ghandu jigi kundannat li jaghmel fronti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 1998 li fih l-avukat difensur tal-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess konvenut;

Rat id-digriet tad-9 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata bhala perit legali Dr. Irene Bonello biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali nominata li tinsab a fol. 82 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2002;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet intavolati mill-avukati difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Fir-relazzjoni peritali l-espert legali waslet ghal konkluzjoni illi l-htija ghall-iskontru awtomobilistiku ma setghetx hlief tigi addossata fuq il-konvenut;

Minn ezami ta' l-atti processwali, li din il-Qorti fliet fid-dettal u bir-reqqa, hi wkoll il-fehma taghha illi l-kawza prossima u immedjata ta' l-incident kienet l-imgieba kolpuza esklussiva tal-konvenut li kjarament naqas li jhares l-obbligu baziku li jzomm "*a careful look out*" fil-mument u waqt li kien qed jaghmel il-manuvra tat-traversament ta' triq principali maghrufa ghac-cirkolazzjoni tat-traffiku fiha;

Il-konvenut, li kien qed isuq trakk numru ta' Registrazzjoni F - 0155 fi Triq il-Barrani, kien gej miz-zona ta' Bulebel. Huwa kien intenzjonat li jmur fid-direzzjoni ta' Hal Ghaxaq u ghalhekk dahal fl-ispazju ta' bejn is-*centre strip*, waqaf, stenna xi vetturi jghaddu osserva lis-sewwieq l-iehor Lawrence Gatt f' distanza ta' xi mitejn pied boghod, rah jaqleb minn karreggjata ghall-ohra bl-*indicator* mixghul, rah ukoll inaqqas l-i*speed*, qala' bil-mod u beda jaqsam it-triq;

Sinjifikanti hafna dak mistqarr mill-konvenut ghal finijiet ta' attribuzzjoni tal-kolpa. Jigifieri li meta qala' biex jitraversa t-triq "ikkalkulajt li huwa jghaddi l-ewwel mhux jiena". Ara xiehda tieghu in kontro-ezami a fol. 78;

Fil-fehma ta’ din il-Qorti din hi ammissjoni bastanti biex taddebita r-responsabilita` shiha ghas-sinistru fuq il-konvenut. Dan ghaliex turi li huwa ma accertax ruhu mill-intenzjonijiet tas-sewwieq l-iehor li kien qed isuq f’ arterja principali. Fatt dan li minnu nnifsu kien jaghti lil dan is-sewwieq l-iehor l-precedenza. B’ rizultat ta’ dan in-nuqqas ta’ accertament huwa ghamel kalkolu zbaljat ghall-ahhar u allura l-manuvra tieghu tat-traversar ma setghatx hlief tkun wahda inkonsulta u imprudenti;

In materja ta’ dritt tali komportament tal-konvenut tassorbi ruhha f’ dak li drabi ohra gie affermat, u cjoe, li “l-kolpa fil-kaz ta’ fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta’ dak il-fatt meta seta’ jipprevedi dak l-effett” (**Kollez. Vol. XLII P I p 74**). Dan in-nuqqas ta’ prevedibilita` huwa ghalhekk meqjus bhala l-fattur kawzali esklussiv ta’ l-event dannuz;

Il-konvenut minn naha tieghu jittanta jixhet il-htija fuq is-sewwieq l-iehor ghaliex, skond kif minnu sottomess, dan ma kellux taht il-kontroll assolut tieghu l-vettura misjuqa minnu, kien qed isuq b’ velocita mhux konsiljabbli u b’ vettura mhux fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni;

Qabel konsiderazzjoni ta’ dawn l-addebiti, tajjeb li jigi sottolinejat illi anke kieku verament kien hemm da parti tas-sewwieq l-iehor vjolazzjoni tar-regolamenti stradali dan il-fatt ma huwiex per se` fonti ta’ responsabilita` civili, jekk dik l-istess vjolazzjoni ma tkunx ukoll l-element kawzali u kontributur ta’ l-event dannuz. Fattur dan li fil-kaz in ispece ma jissussistix;

Issa eliminat l-addebitu tan-nuqqas ta’ manutenzjoni tajba tal-vettura, li ma tirrizulta minn imkien mill-provi u ghalhekk tibqa’ biss asserzjoni gratuwita tal-konvenut, huwa evidenti mill-kwadru tal-fatti, illustrattivi ta’ l-incident, illi t-traversament inkonsult u *ex abrupto* tal-konvenut ssorprenda lis-sewwieq l-iehor Lawrence Gatt u holoqlu

emergenza. Dan hu spjegat mir-rizultat tal-*break marks* evidenzjati fl-iskizz. *Break marks* li jsostnu x-xiehda ta’ l-imsemmi Lawrence Gatt (fol. 56) u li juru wkoll illi l-konvenut qasamlu f’ salt u kkrejalu emergenza subitanea;

Jista’ jinghad ghalhekk illi l-kawza principali ta’ l-incident ma tistax tkun attribwita ghall-ebda sewqan sgarbat jew eccessiv tas-sewwieq l-iehor izda ghan-nuqqas ta’ attenzjoni xierqa da parte tal-konvenut li ostakolalu l-passagg liberu b’ manuvra pjuttost riskjuza. Dippju, sewwa rragunat ukoll il-perit legali, illi ma kienx jirrizulta prova ta’ *speed* eccessiv ghal-lokalita` fejn sehh l-incident;

Respinti ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut fir-rigward tar-responsabilita`, il-Qorti ser tiddeciedi adezivament ghall-istanza ta’ l-atturi;

Kwantu ghall-irjus tad-danni gie provat mid-deposizzjoni ta’ Joseph Mula (fol. 71), impjegat tas-socjeta` assiguratrici attrici, illi l-vettura assigurata giet dikjarata bhala *wreck*. Il-*pre-accident value* taghha kien dak ta’ elf u mitejn lira u r-rikavat mill-bejgh tal-vettura kien ta’ mitt lira. Jirrizulta wkoll illi l-assigurat eroga mitt lira in vista tal-*policy excess*. B’ kollox ghalhekk il-konvenut ghandu jikkompensa f’ danni s-somma ta’ elf mija u tlettax-il lira, hamsa u erbghin centezmu (Lm1113.45,0) li minnhom mitt lira jridu jintraddu direttament lill-assigurat tas-socjeta` assiguratrici attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta’ Ottubru 1996 fi Triq il-Barrani;

Tilqa’ t-tieni talba billi tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta’ elf mija u tlettax-il lira Maltija, hamsa u erbghin centezmu (Lm1113.45,0);

Konsegwentement tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas, oltre l-interessi mill-20 ta' Jannar 1997, data ta' l-ittra ufficjali, kwantu lis-socjeta` assiguratrici attrici s-somma ta' elf u tlettax-il lira Maltija, hamsa u erbghin centezmu (Lm1013.45,0) u kwantu lis-socjeta` attrici Joseph Borg Limited, assigurata tas-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited *nomine*, is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100);

L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------